# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.5

**Kap 8: Kulħadd għandu postu**

**Lezzjoni 8.5: X'nistgħu nagħmlu għall-Knisja**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**



1. Jirrevedu min huma l-persuni fil-Knisja u fil-parroċċa tagħhom.
2. Jidentifikaw il-persuni differenti fil-Knisja universali.
3. Jagħrfu l-bżonn tat-talb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Klipp dwar il-Papa Franġisku
  https://www.youtube.com/watch?v=_rHL4P1_GFM

  https://www.youtube.com/watch?v=A85UP-0QJg4
- Karta ta' taħriġ 8.5 – mill-Ktieb



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Fakkar: Aħna diġà tkellimna ħafna fuq min jagħmel il-familja t'Alla, kemm fuq in-nies li jmexxu u anke aħna bħala lajċi.
- Staqsi: X'tiftakru dwar dan?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Enfasizza l-aktar persuna importanti fil-Knisja li huwa l-Papa.
2. Uri powerpoint dwar il-Papa.
3. Staqsi: X'taħsbu li għandu bżonn l-aktar il-Papa? X'jitlob minna ta' kull nhar ta' Ħadd? It-talb.
4. Staqsi: X'inhu t-talb? Meta inti fil-kwiet titkellem ma' Alla u nirringrazzjah – tfaħħru – titolbu xi ħaġa........
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.5 u wara li taqra s-silta mogħtija, stieden lit-tfal isibu pożizzjoni komda ħalli flimkien tesperjenzaw Attività 1.
6. Aqra s-silta bil-mod biex it-tfal ikunu kapaċi jidħlu fl-esperjenza.
7. Iddiskuti Attività 2 u ħalli lit-tfal jesprimu dak li jħossu. Importanti li ħadd ma jwaqqa' għaċ-ċajt lil ħadd. B'din l-Attività t-tfal ikunu qed jitgħallmu jitolbu u jesprimu wkoll dak li jħossu flimkien.
8. Asal għal Attività 3 u enfasizza l-punt li rridu nħobbu l-Knisja, nitolbu għaliha u nkunu lesti li nisimgħu minn dak li jgħidilna min imexxi l-Knisja.
9. Agħlaq il-lezzjoni b'talb li kapaċi jagħmlu t-tfal stess.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. It-talb hu ħin meta jien nitkellem ma' Alla
2. It-talb jgħinni nirringrazzja lil Alla, nadurah, nitolbu jaħfirliu nitolbu xi ħaġa.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal ikunu paċenzjużi u leali biex jikbru u jitgħallmu.



## Nitolbu

Mulej Ġesù, illum nixtiequ nitolbu għal-Knisja tiegħek u tagħna biex din tibqa' dejjem waħda u magħquda, u biex aħna nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nibżgħu għalija.

